



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2014/2040(BUD)

4.9.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2015
(2014/2040(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Arena

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-baġit tal-2015 għandu jkollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi; b'enfasi partikolari fuq il-ħolqien tal-impjiegi biex tkun indirizzata l-kwistjoni persistenti tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Unjoni;
2. Jinnota ż-żieda minn sena għal sena, proposta mill-Kummissjoni u l-Kunsill, fl-appropriazzjonijiet tal-intestatura 1 – Tkabbir intelliġenti u inklużiv; jinnota wkoll iż-żidiet proporzjonalment ogħla fl-intestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi;
3. Jinnota li l-appropriazzjonijiet tal-impenji fl-intestatura 1b – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandhom jiżdiedu sal-livell tal-marġni skont il-proposta tal-Kummissjoni; jiddeplora, madankollu, it-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagamenti f'din l-intestatura, li marru għall-agħar minħabba t-tnaqqis ulterjuri propost mill-Kunsill;
4. Jemmen bis-sħiħ li l-fondi tal-UE, b'mod partikolari dawk fil-qafas tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI), m'għandhomx jintużaw biex jissussidjaw approċċi nazzjonali iżda biex jipprovdu appoġġ addizzjonali għaż-żgħażaġh b'mod li jikkomplementa u jsaħħaħ il-programmi nazzjonali;
5. Jikkunsidra li l-finanzjament mill-UE għandu jkun dirett lejn oqsma li jiffavorixxu t-tkabbir tal-SMEs, tal-mikrointrapriżi u tan-negozju; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li b'mod speċjali intrapriżi żgħar jeħtieġu tnaqqis fir-regolamenti nazzjonali; jikkunsidra li programmi tal-UE m'għandhomx iwasslu għall-posponiment tar-riformi strutturali nazzjonali meħtieġa;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirraġa għall-ħlas fil-pront tat-talbiet għal pagament mhux imħallsa li jirriżultaw mit-tlestija ta' programmi tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), sabiex jiġi żgurat li l-impenji tal-2015 jiffinanzjaw proġetti ġodda tal-FSE u biex jiġi evitat li x-xogħol b'lura jkollu effett ta' diżinċentiv fuq il-prefinanzjament nazzjonali ta' operazzjonijiet ġodda fl-Istati Membri;
7. Jenfasizza l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, bil-għan li jkunu indirizzati l-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); għal dawn tal-aħħar, iqis l-appropriazzjonijiet li ġew adottati finalment fil-Baġit Emendatorju Nru 3/2014.
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-fondi ddedikati biex jappoġġaw il-popolazzjoni qiegħda zaġħżuġha; ifakkar fil-ftehim politiku konness mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 dwar il-konċentrazzjoni fil-bidu tal-perjodu tal-fondi taħt l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ kif ukoll tal-ammonti

korrispondenti programmati fi ħdan il-Fond Soċjali Ewropew sabiex tiġi pprovduta l-għajnuna meħtieġa fl-ewwel snin tal-perjodu ta' programmazzjoni; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill jirrispettaw dan il-ftehim fiċ-ċifri proposti; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' xi Stati Membri fir-rigward tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ; ifakkar li abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013¹, il-marġnijiet li għadhom disponibbli u li huma anqas mil-limiti tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġni Globali tal-QFP għall-impjenji, li għandu jkun disponibbli lil hinn mil-limiti stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016-2020 għall-oġettivi politiċi relatati mat-tkabbir u l-impjiegi, partikolarment l-impjiegi fost iż-żgħażaġh;

9. Jenfasizza l-fatt li sabiex jiġu implimentati tibdiliet fit-tul u effettivi fis-suq tax-xogħol, jeħtieġ jiġu żgurati kundizzjonijiet ospitabbli għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-SMEs, li joħolqu 65 % tal-impjiegi kollha fl-UE u jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw l-effiċjenza tal-finanzjament tal-programmi li jappoġġaw l-SMEs, inklużi, intrapriżi tal-ekonomija soċjali, l-intraprenditoriji soċjali u l-finanzjament tal-istart-ups;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta, mingħajr ebda dewmien, programmi operazzjonali FEAD imħejjija mill-Istati Membri u tippreżenta atti delegati u ta' implimentazzjoni fil-qafas tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn;
11. Jitlob biex jiżdied il-finanzjament tal-EURES peress li dan l-istrument għandu rwol importanti fil-mobbiltà transkonfinali tal-impjiegi u jista' jikkontribwixxi, għalhekk, għall-għieda kontra l-qgħad fl-Ewropa;
12. Jipproponi li jitnieda proġett pilota dwar e-card għall-ħaddiema Ewropej biex jiġu investigati l-benefiċċji mill-introduzzjoni, u – jekk xieraq – it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dokument elettroniku Ewropew li ma jistax jiġi ffalsifikat u li jkun fih dettalji tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiem; il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-karta huwa distint minn dak tal-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea u din m'għandhiex tiġi konfuża magħha; bħala pedament għall-proġett pilota u biex jiġi stabbilit l-għarfien meħtieġ għall-proġett pilota, il-Kummissjoni għandha tibda analiżi komparattiva dwar is-sistemi ta' sigurtà soċjali differenti fi ħdan l-Istati Membri tal-UE-28;
13. Jipproponi li jitnieda proġett pilota dwar il-faqar enerġetiku bil-għan li jiġi vvalutat l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq il-faqar enerġetiku fl-Unjoni, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn din il-kwistjoni għadha sal-lum ma ġietx eżaminata u/jew indirizzata permezz ta' miżuri ta' politika;
14. Jipproponi li titnieda azzjoni preparatorja intitolata "Lejn postijiet tax-xogħol ħielsa mill-asbestos fl-Unjoni Ewropea" biex jiġu pprovduti għodod għall-iskrinjar u l-irreġstrar ta' materjali li fihom l-asbestos, f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u biex jitfassal pjan direzzjonali għall-eradikazzjoni

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

² Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330,

totali tal-asbestos fil-postijiet tax-xogħol, filwaqt li jiġi żgurat li l-pubbliku jkun konxju tar-riskju u l-ħtieġa li jittieħdu wkoll azzjonijiet fil-livell tal-postijiet tax-xogħol. L-azzjoni għandha tiġi applikata fi strateġija prospettiva għall-projbizzjoni tal-forom kollha ta' asbestos u ta' kull tip ta' użu marbut mal-fibri tal-asbestos, fosthom rekwiżiti ta' esportazzjoni xierqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-prossimità kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², billi l-asbestos għadu jaħti għal għadd sostanzjali ta' mardiet marbuta mal-espożizzjoni għall-fibri tal-asbestos;

15. Jipproponi li titnieda azzjoni preparatorja dwar l-appoġġ tal-inklużjoni attiva ta' migranti żvantaġġati bil-għan li jiġu vvalutati benefiċċji u possibiltajiet tal-ittestjar biex jinħolqu ċentri lokali għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika.

16.12.2009, p. 28).

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

² Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 3.9.2014 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 36 -: 9 0: 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Guillaume Balas, Beatriz Becerra Basterrechea, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, David Casa, Ole Christensen, Jane Collins, Corina Crețu, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Zdzisław Marek Krasnodębski, Kostadinka Kuneva, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Georgi Pirinski, Marek Mirosław Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Ulrike Trebesius, Ulla Tørnæs, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Maria Arena, Mircea Diaconu, Tamás Meszerics, Csaba Sógor |